

Il-Ġurnal Uffiċjali L 181

tal-Unjoni Ewropea



Edizzjoni bil-Malti

Leġiżlazzjoni

Volum 59
6 ta' Lulju 2016

Werrej

II *Atti mhux leġiżlattivi*

REGOLAMENTI

- ★ **Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/1066 tas-17 ta' Ġunju 2016 li jstabilixxi l-istandards tekniċi ta' implimentazzjoni fir-rigward ta' proċeduri, formoli u mudelli standard għall-forniment ta' informazzjoni għall-fini tal-pjanijiet ta' riżoluzzjoni ta' istituzzjonijiet ta' kreditu u ditti ta' investiment skont id-Direttiva 2014/59/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽¹⁾** 1

⁽¹⁾ Test b'relevanza għaż-ŻEE

MT

II

(Atti mhux leġislattivi)

REGOLAMENTI

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2016/1066

tas-17 ta' Ġunju 2016

li jistabbilixxi l-istandards tekniċi ta' implimentazzjoni fir-rigward ta' proċeduri, formoli u mudelli standard għall-forniment ta' informazzjoni għall-fini tal-pjanijiet ta' riżoluzzjoni ta' istituzzjonijiet ta' kreditu u ditti ta' investiment skont id-Direttiva 2014/59/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva 2014/59/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tistabbilixxi qafas għall-irkupru u r-riżoluzzjoni ta' istituzzjonijiet ta' kreditu u ditti ta' investiment u li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 82/891/KEE, u d-Direttivi 2001/24/KE, 2002/47/KE, 2004/25/KE, 2005/56/KE, 2007/36/KE u 2011/35/UE, 2012/30/UE u 2013/36/UE u r-Regolamenti (UE) Nru 1093/2010 u (UE) Nru 648/2012, tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 11(3) tagħha,

Billi:

- (1) L-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni ngħataw il-kompitu li jfasslu pjanijiet ta' riżoluzzjoni għall-istituzzjonijiet ta' kreditu u ditti ta' investiment ("istituzzjonijiet") b'konformità mar-rekwiżiti u mal-proċedura stipulata fid-Direttiva 2014/59/UE u għal dan l-għan ingħataw is-setgħa li jitolbu l-informazzjoni meħtieġa mingħand l-istituzzjonijiet. Fir-rigward, b'mod partikolari, ta' pjanijiet ta' riżoluzzjoni ta' grupp, l-istituzzjoni prinċipali tal-Unjoni għandha tissottometti l-informazzjoni rilevanti lill-awtorità ta' riżoluzzjoni fil-livell tal-grupp li trid imbagħad tgħaddiha lill-awtoritajiet elenkati fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 13(1) tad-Direttiva 2014/59/UE, skont il-proċedura stabbilita hemnhekk.
- (2) Jeħtieġ li l-proċedura u sett minimu ta' formoli biex jitolbu l-informazzjoni meħtieġa mingħand l-istituzzjonijiet jitfasslu b'mod li jippermettu lill-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni li jiġbru din l-informazzjoni b'mod konsistenti madwar l-Unjoni u biex jiġi ffaċilitat l-iskambju ta' informazzjoni fost l-awtoritajiet rilevanti.
- (3) F'konformità mal-Artikolu 11(1)(a) tad-Direttiva 2014/59/UE, l-istituzzjonijiet għandhom dmir li jikkooperaw kemm jista' jkun possibbli mal-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni sabiex iħejju pjanijiet ta' riżoluzzjoni. Madankollu, jeħtieġ li l-proċeduri jitfasslu biex jimminimizzaw ir-rekwiżiti duplikati ta' informazzjoni. F'dan ir-rigward, id-Direttiva 2014/59/UE tippredvi dmir ta' kooperazzjoni tal-awtoritajiet kompetenti mal-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni. Din il-kooperazzjoni timplika li l-awtorità kompetenti u l-awtorità ta' riżoluzzjoni b'mod konġunt jivverifikaw jekk xi informazzjoni jew l-informazzjoni neċessarja kollha tkunx diġà disponibbli għall-awtorità kompetenti, permezz tal-eżerċizzju tal-kompiti superviżorji tagħha. Fejn din l-informazzjoni hija disponibbli, huwa xieraq li l-awtorità kompetenti tittrażmettiha.
- (4) Bl-għan li l-kontenut globali tal-pjanijiet ta' riżoluzzjoni, huwa xieraq li sett minimu ta' formoli jkopri ġabra ta' informazzjoni relatata ma' istituzzjoni li għandha tiġi pprovduta mill-awtorità ta' riżoluzzjoni.

⁽¹⁾ ĠU L 173, 12.6.2014, p. 190.

- (5) Dan ir-Regolament huwa bbażat fuq l-istandards tekniċi ta' implimentazzjoni sottomessi mill-Awtorità Bankarja Ewropea (EBA) lill-Kummissjoni.
- (6) L-EBA wettqet konsultazzjonijiet pubbliċi miftuħin dwar l-istandards tekniċi ta' implementazzjoni li fuqhom huwa bbażat dan ir-Regolament, analizzat il-kostijiet u l-benefiċċji potenzjali relatati u talbet l-opinjoni tal-Grupp tal-Partijiet Bankarji Interessati stabbilit f'konformità mal-Artikolu 37 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽¹⁾,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Forniment ta' informazzjoni għall-fini tal-pjanijiet ta' riżoluzzjoni

Il-forniment minn istituzzjoni lill-awtorità ta' riżoluzzjoni tal-informazzjoni meħtieġa biex tħejji u timplimenta pjanijiet ta' riżoluzzjoni, skont l-Artikolu 11 tad-Direttiva 2014/59/UE, inklużi pjanijiet ta' riżoluzzjoni ta' grupp f'konformità mal-Artikolu 13 ta' din id-Direttiva, għandu jitwettaq skont il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 2 ta' dan ir-Regolament u bl-użu, fejn applikabbli, tal-formoli msemmija fl-Artikolu 3 ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Proċedura

1. Għall-finijiet ta' verifika, skont l-Artikolu 11(2) tad-Direttiva 2014/59/UE, kemm jekk parti mill-informazzjoni kif ukoll jekk l-informazzjoni kollha meħtieġa biex jintalbu mill-awtorità ta' riżoluzzjoni mill-istituzzjoni sabiex tfassal il-pjan tar-riżoluzzjoni tkun diġà disponibbli lill-awtorità kompetenti, l-awtorità ta' riżoluzzjoni għandha l-ewwel jitlob tali informazzjoni mingħand l-awtorità kompetenti tal-istituzzjoni rilevanti.
2. Fejn parti jew l-informazzjoni kollha mitluba hija diġà disponibbli għall-awtorità kompetenti, dik l-awtorità għandha tgħaddi din l-informazzjoni lill-awtorità ta' riżoluzzjoni b'mod f'waqtu.
3. Fejn l-informazzjoni ma tkunx diġà disponibbli lill-awtorità kompetenti jew fejn il-format li fih l-informazzjoni hija mogħtija mill-awtorità kompetenti ma jkunx sodisfaċenti għall-awtorità ta' riżoluzzjoni, filwaqt li titqies b'mod partikolari l-proċedura biex jtfasslu pjanijiet ta' riżoluzzjoni ta' grupp, l-awtorità ta' riżoluzzjoni għandha titlob direttament lill-istituzzjoni biex ttiprovdi l-informazzjoni meħtieġa.
4. Fejn l-informazzjoni mitluba mill-awtorità ta' riżoluzzjoni skont il-paragrafu 3 tkun inkluża f'waħda mill-kategoriji stabbiliti fl-Artikolu 3, l-istituzzjoni għandha ttiprovdi din l-informazzjoni lill-awtorità ta' riżoluzzjoni billi tittrażmetti l-mudell xieraq li jinsab fl-Annessi minn I sa XII, abbażi tal-istruzzjonijiet stabbiliti fl-Anness XIII.
5. Fejn l-informazzjoni mitluba mill-awtorità ta' riżoluzzjoni mhijiex koperta minn xi waħda mill-kategoriji stabbiliti fl-Artikolu 3, l-informazzjoni għandha tkun ipprovduta fil-format mitlub mill-awtorità ta' riżoluzzjoni.
6. Talba għal informazzjoni mill-awtorità ta' riżoluzzjoni għal istituzzjoni kif imsemmi fil-paragrafu 3 għandha:
 - (a) tispeċifika, waqt li tikkunsidra l-volum u l-komplessità tal-informazzjoni mitluba, il-perjodu taż-żmien xieraq li matulu l-istituzzjoni għandha ttiprovdi l-informazzjoni lill-awtorità ta' riżoluzzjoni;
 - (b) meta l-informazzjoni mitluba tkun inkluża f'waħda mill-kategoriji stabbiliti fl-Artikolu 3, tispeċifika l-mudell xieraq li jinsab fl-Annessi minn I sa XII li għandu jintuża biex jipprovdi l-informazzjoni lill-awtorità ta' riżoluzzjoni;
 - (c) meta l-informazzjoni mitluba ma tkunx inkluża f'waħda mill-kategoriji stabbiliti fl-Artikolu 3, jew ma tkun koperta minn ebda mudell li jinsab fl-Annessi minn I sa XII, tispeċifika l-format li għandu jintuża biex tiġi pprovduta l-informazzjoni lill-awtorità ta' riżoluzzjoni;

⁽¹⁾ Ir-Regolament (UE) Nru 1093/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Bankarja Ewropea) u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/78/KE (ĠU L 331, 15.12.2010, p. 12).

- (d) tispeċifika jekk il-mudell rilevanti li jinsab fl-Annessi minn I sa XII jridx jimtela fuq bażi individwali jew fuq bażi ta' livell ta' grupp u jekk l-ambitu tiegħu huwiex lokali, tal-UE jew globali skont l-istruzzjonijiet li jinsabu fl-Anness XIII;
- (e) tipprovdi d-dettalji ta' kuntatt meħtieġa li lilhom l-informazzjoni trid tiġi pprovduta fi ħdan l-awtorità ta' riżoluzzjoni.

Artikolu 3

Sett minimu ta' informazzjoni inkluża fil-formoli

Is-sett minimu ta' formoli għall-għoti ta' informazzjoni skont l-Artikolu 11 tad-Direttiva 2014/59/UE għandu jinkludi l-kategoriji li ġejjin:

- (1) struttura organizzattiva, kif speċifikat f'Anness I;
- (2) governanza u ġestjoni, kif speċifikat fl-Anness II;
- (3) funzjonijiet kritiċi u linji ta' negozju ewlenin, kif speċifikat fl-Anness III;
- (4) kontropartijiet kritiċi, kif speċifikat fl-Anness IV, Taqsima 1: Assijiet, Taqsima 2: Obbligazzjonijiet, u t-Taqsima 3: ħeġġijiet materjali;
- (5) struttura ta' obbligazzjonijiet, kif speċifikat fl-Anness V;
- (6) kollateral mirhun, kif speċifikat fl-Anness VI;
- (7) barra mill-karta tal-bilanċ, kif speċifikat fl-Anness VII;
- (8) sistemi ta' pagament, tal-ikklerjar u tas-saldu, kif speċifikat fl-Anness VIII;
- (9) sistemi ta' informazzjoni, kif speċifikat fl-Anness IX, Taqsima 1: Informazzjoni ġenerali u t-Taqsima 2: Immappjar;
- (10) interkonnnettività, kif speċifikat f'Anness X;
- (11) awtoritajiet, kif speċifikat fl-Anness XI;
- (12) impatt legali ta' riżoluzzjoni, kif speċifikat fl-Anness XII.

Artikolu 4

Id-dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-17 ta' Ġunju 2016.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Jean-Claude JUNCKER

Struttura Organizzazzjonali

Entità ġuridika		Detentur dirett		Kapital	Drittijiet tal-Vot	Entità konsolidanti	
Isem tal-entità	Identifikatur Legali	Isem tal-entità	Identifikatur Legali			Isem tal-entità	Identifikatur Legali
010	020	030	040	050	060	070	080
<i>Kumpanija azzjonarja X</i>	110	<i>MHUX APPLIKABBLI</i>	<i>MHUX APPLIKABBLI</i>	<i>MHUX APPLIKABBLI</i>	<i>MHUX APPLIKABBLI</i>	<i>MHUX APPLIKABBLI</i>	<i>MHUX APPLIKABBLI</i>
<i>Bank A (Impriża prinċipali)</i>	111	<i>Kumpanija azzjonarja X</i>	110	100 %	100 %	<i>Bank A</i>	111
<i>Bank B (Impriża sussidjarja)</i>	112	<i>Bank A</i>	111	80 %	60 %	<i>Bank A</i>	111
<i>Bank U</i>	156	<i>Bank B</i>	112	100 %	100 %	<i>Bank A</i>	111

Governanza u ġestjoni

Entità ġuridika		Post	Ġurisdizzjoni tal-inkorporazzjoni	Awtorità tal-liċenzjar	Tip ta' liċenzja	Membru tal-korp tal-immaniġġjar responsabbli għall-għoti tal-informazzjoni dwar il-pjan ta' rizzoluzzjoni			Maniġer prinċipali				
Isem tal-entità	Identifikatur Legali					Isem	Numru tat-telefown	Indirizz elett-roniku	Isem	Funzjoni	Dipartment	Numri tat-telefown	Indirizzi elettroniċi
010	020	030	040	050	060	070	080	090	100	110	120	130	140
Bank A	111	Londra	GB	BOE	It-teħid ta' depożiti	David Jones	4 444 444	djones@banka.com					
Bank B	112	Pariġi	FR	AKP	It-teħid ta' depożiti, l-immaniġġjar tal-assi	Paul Durand	33 333 333	pdurand@bankb.com					

Funzjonijiet kritiċi u linji tan-negozju ewlenin

Funzjonijiet kritiċi	Linji tan-negozju ewlenin	Entità ġuridika		Post	Numru ta' uffiċċji/fergħat f'post	Assi materjali			Obbligazzjonijiet materjali			L-uffiċjal maniġerjali għoli responsabbli għall-għoti ta' informazzjoni				
		Isem tal-entità	Identifikatur Legali			Tip	Ammont	Munita	Tip	Ammont	Munita	Isem	Funzjoni	Dipartimento	Numri tat-telefon	Indirizzi elettroniċi
010	020	030	040	050	060	070	080	090	100	110	120	130	140	150	160	170
It-teħid ta' depożiti	Operazzjonijiet bankarji għall-konsumatur	Bank A	111	IR-RENJU UNIT	87				depożiti	5,000	GBP					
	Operazzjonijiet bankarji għall-konsumatur	Bank A	111	L-Irlanda	4				depożiti	200	EUR					
	Operazzjonijiet bankarji għall-konsumatur	Bank B	112	Franza	112				depożiti	5,000	EUR					
	Ċentru tal-IT għas-servizzi bankarji onlajn	Entità C	113	Spanja	1				mhux applikabbli	mhux applikabbli	mhux applikabbli					
		Bank A	111	IR-RENJU UNIT	10	assi mmaniġġjati	1,000	GBP								
Immaniġġjar tal-assi		Bank D	114	Is-Slovakkja	1	assi mmaniġġjati	100	EUR								

ANNEX IV

TAQSIMA 1

Kontropartijiet kritiċi (Assi)

Entità ġuridika		Kontroparti kritika		Munita	Skopertura oriġinarja	Mitigazzjonijiet tar-riskju ta' kreditu	Provvedimenti u aġġustamenti tal-valur	Skopertura netta	Impatt fuq il-proporzjon CET1
Isem tal-entità	Identifikatur Legali	Isem tal-entità	Identifikatur Legali						
010	020	030	040	050	060	070	080	090	100
Bank A	111	Il-Gvern tar-Renju Unit	789	GBP	200,000	0	0	200,000	200 bp
Bank B	112	Bank W	444	EUR	1,000,000	500,000	200,000	300,000	300 bp
Bank A	111	Korporattiv U	650	EUR	500,000	0	400,000	100,000	100 bp

TAQSIMA 2

Kontropartijiet kritiċi (Obbligazzjonijiet)

Entità ġuridika		Kontroparti kritika		Finanzjament		
Isem tal-entità	Identifikatur Legali	Isem tal-entità	Identifikatur Legali	Tip	Ammont	Munita
010	020	030	040	050	060	070

Kontropartijiet kritiċi (Iħħeġġjar materjali)

Entità ġuridika		Kontroparti kritika		Ħeġġijiet materjali (fil-karta bilanċjali)				Ħeġġijiet materjali (barra l-karta bilanċjali)			
Isem tal-entità	Identifikatur Legali	Isem tal-entità	Identifikatur Legali	Tip	Ammont	Munita	L-iskop ta' ħħeġġjar	Tip	Ammont	Munita	L-iskop ta' ħħeġġjar
010	020	030	040	050	060	070	080	090	100	110	120

ANNEX V

Struttura ta' obbligazzjonijiet

010	Isem tal-entità ġuridika	Bank A
020	Identifikatur Legali	111
030	Il-liġi li tirregola l-obbligazzjonijiet	ŻEE

040	Data	12/31/2013
-----	------	------------

	Kontropartijiet	Dejn b'subordinazzjoni legali li jikkwalifika bħala grad 1 addizzjonali	Dejn b'subordinazzjoni legali li jikkwalifika bħala grad 2			Dejn b'subordinazzjoni legali			Dejn superjuri mhux garantit		
			< xahar	< sena	> sena	< xahar	< sena	> sena	< xahar	< 1 sena	> sena
			010	020	030	040	050	060	070	080	090
050	Persuni fiżiċi										
055	<i>li minnhom obbligazzjonijiet eliġibbli</i>										
060	Intrapriżi mikro, żgħar u ta' daqs medju										
065	<i>li minnhom obbligazzjonijiet eliġibbli</i>										
070	Intrapriżi kbar mhux finanzjarji										
075	<i>li minnhom obbligazzjonijiet eliġibbli</i>										
080	Istituzzjonijiet										
085	<i>li minnhom obbligazzjonijiet eliġibbli</i>										
090	Kumpaniji tal-assigurazzjoni u fondi tal-pensjoni										
095	<i>li minnhom obbligazzjonijiet eliġibbli</i>										
100	Impriżi finanzjarji oħrajn										
105	<i>li minnhom obbligazzjonijiet eliġibbli</i>										
110	Intragrupp										
115	<i>li minnhom obbligazzjonijiet eliġibbli</i>										
120	Il-Gvern, il-banek ċentrali u s-supranazzjonali										
125	<i>li minnhom obbligazzjonijiet eliġibbli</i>										
130	Oħrajn/mhux identifikati										
140	<i>li minnhom obbligazzjonijiet eliġibbli</i>										
150	TOTAL										
160	Obbligazzjonijiet eliġibbli totali										

ANNEX VI

Kollateral mirhun

Entità ġuridika		L-emittent ta' kollateral		Tip ta' kollateral	Numru ta' identifi-kazzjoni	Detentur ta' kollateral		Ammont	Munita	Ġurisdizzjoni	Kontroparti		Ammont	Munita	Ġurisdizzjoni
Isem tal-entità	Identifikatur Legali	Isem tal-entità	Identifikatur Legali			Isem tal-entità	Identifikatur Legali				Isem tal-entità	Identifikatur Legali			
010	020	030	040	050	060	070	080	090	100	110	120	130	140	150	160
Bank A	111	Il-Gvern tal-Istati Uniti	278	Bonds tal-gvern tal-Istati Uniti		Bank L	487	1 000	USD	L-ISTATI UNITI	Bank B	345	10 000	USD	L-ISTATI UNITI
Bank A	111	Bank A	997	Ipoteki		BoE	997	1 000	GBP	GB	Bank C	587	8 000	GBP	GB

ANNEX VII

Barra l-karta bilanċjali

Entità ġuridika		Entrata barra l-karta bilanċjali	Kontroparti		Ammont		Munita	Operazzjonijiet kritiċi	Linji tan-negozju ewlenin	Informazzjoni addizzjonali
Isem tal-entità	Identifikatur Legali		Isem tal-entità	Identifikatur Legali	Totali	li minnhom impenjati				
010	020	030	040	050	060	070	080	090	100	110
Bank A	111	linja ta' kreditu	Bank C	113	10 000 000	10 000 000	GBP			ftehim li jiskadi fi tmiem l-2015
Bank A	111	linja ta' kreditu	Bank D	114	- 5,000,000	0	EUR			ftehim li jiskadi fi tmiem l-2015

ANNEX VIII

Sistemi ta' ħlas, ikklerjar u saldu

Entità ġuridika		Sistema				Istituzzjoni Rappreżentattiva		Immappjar għal funzjoni kritika	Immappjar għal linja tan-negozju ewlenija	Rekwiżiti għas-sħubija	Impatt tal-proċedimenti ta' riżoluzzjoni dwar sħubija jew kuntratt mal-istituzzjoni rappreżentattiva	Sostitwibbiltà	Informazzjoni addizzjonali
Isem tal-entità	Identifikatur Legali	Tip ta' sistema	Deżinjazzjoni	Modalità ta' parteċipazzjoni	Il-kodiċi ta' identifikazzjoni	Isem tal-entità	Kodiċi ta' identifikazzjoni						
010	020	030	040	050	060	070	080	090	100	110	120	130	140
Bank A	111	Id-Depożitarju	Clearstream	indirett		Bank W			Negozjar ta' titoli		Sħubija kanċellata	Euroclear	
Bank B	112	Ħlas	MIRA	dirett				Ħlas					

TAQSIMA 1

Sistemi ta' informazzjoni (Informazzjoni ġenerali)

Sistema			Entità fil-grupp li tkun parti kontraenti		Tip ta' kuntratt	Kontroparti		Persuna responsabbli			L-impatt tal-proċedimenti ta' riżoluzzjoni dwar il-kontinwità ta' aċċess għal sistemi ta' informazzjoni
Identifikazzjoni	Tip	Deskrizzjoni	Isem tal-entità	Identifikatur Legali		Isem tal-entità	Identifikatur Legali	Isem	Numru tat-telefown	Indirizz tal-posta elettronika	
010	020	030	040	050	060	070	080	090	100	110	120
<i>Sistema A</i>	servizzi bankarji fuq l-internet		<i>Bank A</i>	111	<i>Liċenzja</i>	<i>Entità A</i>					
<i>Sistema B</i>	approvazzjoni ta' kreditu		<i>Bank A</i>	111	<i>Liċenzja</i>	<i>Entità B</i>					
	approvazzjoni ta' kreditu		<i>Bank B</i>	112	<i>Liċenzja</i>	<i>Entità B</i>					
<i>Sistema C</i>	oħrajn		<i>Bank C</i>	113	<i>Servizz kondi-viż</i>	<i>Entità C</i>					

TAQSIMA 2

Sistemi ta' informazzjoni (Immappjar)

Sistema	Utent			
	Isem tal-entità	Identifikatur Legali	Funzjoni kritika	Linja tan-negozju ewlenija
010	020	030	040	050
<i>Sistema A</i>	<i>Bank A</i>	<i>111</i>	<i>It-teħid ta' depożiti</i>	<i>It-teħid ta' depożiti</i>
<i>Sistema A</i>	<i>Bank B</i>	<i>112</i>	<i>It-teħid ta' depożiti</i>	<i>It-teħid ta' depożiti</i>
<i>Sistema B</i>	<i>Bank A</i>	<i>111</i>	<i>Kreditu</i>	<i>Bejgħ bl-imnut</i>
<i>Sistema B</i>	<i>Bank C</i>	<i>113</i>	<i>Kreditu</i>	<i>Servizzi bankarji korporattivi</i>
<i>Sistema C</i>	<i>Bank A</i>	<i>111</i>	<i>Kollha</i>	<i>Kollha</i>

Interkonnettività

Entità ġuridika A		Entità ġuridika B			
Isem tal-entità	Identifikatur Legali	Isem tal-entità 2	Identifikatur legali 2	Tip ta' interkonnettività	Deskrizzjoni
010	020	030	040	050	060
Bank A	101	Bank B	102	Persunal	Persunal legali (40 element)
Bank A	101	Bank C	103	Persunal	Persunal legali (40 element)
Bank B	102	Bank C	103	Sistemi	Is-sistemi u l-infrastrutturi tal-IT kollha użati mill-Bank C huma wkoll użati mill-Bank B
Bank A	101	Bank C	103	Arranġamenti ta' finanzjament	Il-finanzjament tal-Bank C isir permezz tal-Bank A
Bank A	101	Entità D	104	Persunal	Persunal legali (40 element)
Bank A	101	Bank B	102	Arranġamenti ta' finanzjament	Il-finanzjament tal-Bank B isir permezz tal-Bank A
Bank C	103	Entità D	104	Faċilitajiet	Il-kwartieri ġenerali tal-Bank C u tal-Entità D huma fl-istess bini
Bank A	101	Bank B	102	Arranġamenti ta' likwidità	Il-Bank A jaqbel li jipprovdi likwidità lill-Bank B fejn meħtieġ
Entità D	104	Bank A	101	Persunal	Il-persunal kollu tal-IT ta' Bank A huwa mill-Entità D

ANNESS XI

Awtoritajiet

Entità ġuridika		Awtorità/awtoritajiet superviżorja/i			Awtorità ta' riżoluzzjoni			Awtorità ta' garanzija tad-depożiti		
Isem tal-entità	Identifikatur Legali	Isem tal-awtorità	Numru tat-telefown	Indirizz elettroniku	Isem tal-awtorità	Numru tat-telefown	Indirizz elettroniku	Isem tal-awtorità	Numru tat-telefown	Indirizz elettroniku
010	020	030	040	050	060	070	080	090	100	110
Bank A	111	Awtorità tar-Regolamentazzjoni Prudenzjali			Il-Bank of England (Il-Bank tal-Ingilterra)			Skema Kompensatorja ta' Servizzi Finanzjarji		

Impatti legali ta' risoluzzjoni

Entità ġuridika		Parti terza		Tip ta' kuntratt	It-terminazzjoni li taffettwa l-għodda ta' risoluzzjoni	Kummenti
Isem tal-entità	Identifikatur Legali	Isem tal-entità	Identifikatur Legali			
010	020	030	040	050	060	070
Bank B	112	Euronext NV		Sħubija	Y	<i>Il-bejgħ ta' attività ta' ġestjoni tal-assi huwa possibilment diffiċli f'każ ta' risoluzzjoni</i>

ANNEX XIII

Istruzzjonijiet għall-mili tal-formoli fl-Annessi I sa XII**Istruzzjonijiet ġenerali**

1. STRUTTURA U KONVENZJONI

1.1. **Struttura**

Il-qafas jikkonsisti fi 12-il sett ta' formoli li jinkludu total ta' 15-il formola skont l-iskema li ġejja:

1. Struttura organizzazzjonali
2. Governanza u ġestjoni
3. Funzjonijiet kritiċi u linji ta' negozju ewlenin
4. Il-kontropartijiet kritiċi (Tliet formoli)
5. L-istruttura tal-obbligazzjonijiet
6. Kollateral mirhun
7. Barra l-karta bilanċjali
8. Is-sistemi tal-pagamenti, l-ikklerjar u s-saldu
9. Sistemi ta' informazzjoni (żewġ formoli)
10. Interkonnnettività
11. Awtoritajiet
12. L-impatti legali ta' riżoluzzjoni

1.2. **Standard kontabilistiku**

L-istituzzjonijiet jirrapportaw l-ammonti riportati skont il-qafas kontabilistiku li jużaw għar-rappurtar ta' informazzjoni finanzjarja. Istituzzjonijiet li mhumiex meħtieġa jirrapportaw informazzjoni finanzjarja jużaw il-qafas ta' kontabbiltà rispettiv tagħhom.

Għall-finijiet ta' dan l-Anness, "IAS" u "IFRS" jirreferu għall-istandards internazzjonali tal-kontabbiltà kif definiti fl-Artikolu 2 tar-Regolament (KE) Nru 1606/2002.

L-ammonti rrapportati fil-formola għandhom ikunu l-valur kontabilistiku gross, sakemm ma jkunx iddikjarat mod ieħor fl-istruzzjonijiet.

1.3. **Il-konvenzjoni dwar in-numerazzjoni**

In-notazzjoni ġenerali li ġejja tintuża f'dawn l-istruzzjonijiet biex tirreferi għall-kolonna, ringieli u ċelloli ta' formola: {Formola; Ringiela; Kolonna}.

1.4. **Livell ta' applikazzjoni**

Il-livell ta' applikazzjoni għandu jiġi ddeterminat mill-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni meta jifformulaw it-talba tagħhom, jew direttament jew indirettament, għal istituzzjonijiet.

Struzzjonijiet relatati mal-formola

2. ANNESS I - STRUTTURA ORGANIZZAZZJONALI

Il-punti li ġejjin elenkati fit-Taqsima B tal-Anness għad-Direttiva 2014/59/UE huma koperti b'din il-formola:

(1) *deskrizzjoni dettaljata tal-istruttura organizzazzjonali tal-istituzzjoni inkluża lista tal-persuni ġuridiċi kollha*

(2) *identifikazzjoni tad-detenturi diretti u l-perċentwali tad-drittijiet tal-vot u drittijiet bla vot ta' kull persuna ġuridika*

Struzzjonijiet dwar kolonni speċifiċi:

Kolonni	Referenzi u struzzjonijiet legali
010-020	Entità ġuridika
010	Isem tal-entità
020	Identifikatur tal-Entità Ġuridika Kodiċi b'20 ċifra alfanumerika, ta' entità ġuridika identifikata fil-Kolonna 010. L-Identifikatur tal-Entità Ġuridika jidentifika b'mod uniku kull entità jew struttura ġuridika li tkun parti fi tranżazzjoni finanzjarja, f'kull ġurisdizzjoni. Fejn l-"Identifikatur tal-Entità Ġuridika" mhuwiex disponibbli għal entità partikolari għandha tiġi pprovduta forma oħra ta' identifikazzjoni. Biss fejn ma hemm l-ebda forma oħra ta' identifikazzjoni, huwa permess li jiġi indikat "mhux disponibbli".
030-040	Detentur dirett
030	Isem tal-entità L-isem tal-Entità b'parteċipazzjoni diretta u li tikkontrolla l-entità ġuridika identifikata fil-kolonna 010.
040	Identifikatur tal-Entità Ġuridika Kodiċi b'20 ċifra alfanumerika, ta' entità ġuridika identifikata fil-Kolonna 030. L-Identifikatur tal-Entità Ġuridika jidentifika b'mod uniku kull entità jew struttura ġuridika li tkun parti fi tranżazzjoni finanzjarja, f'kull ġurisdizzjoni.
050	Kapital (%) Il-perċentwali tal-kapital miżmum mill-entità ġuridika elenkata fil-kolonna 030 fl-entità ġuridika elenkata fil-kolonna 010.
060	Drittijiet tal-vot (%) Il-perċentwali tad-drittijiet tal-vot miżmum mill-entità ġuridika elenkata fil-kolonna 030 fl-entità ġuridika elenkata fil-kolonna 010.
070-080	Entità konsolidanti
070	Isem tal-entità L-isem tal-entità li tikkonsolida l-entità elenkata fil-kolonna 010 fl-ogħla livell skont ir-Regolament (UE) Nru 575/2013.
080	Identifikatur tal-Entità Ġuridika Kodiċi b'20 ċifra alfanumerika, ta' entità ġuridika identifikata fil-Kolonna 070. L-Identifikatur tal-Entità Ġuridika jidentifika b'mod uniku kull entità jew struttura ġuridika li tkun parti fi tranżazzjoni finanzjarja, f'kull ġurisdizzjoni. Fejn l-"Identifikatur tal-Entità Ġuridika" mhuwiex disponibbli għal entità partikolari għandha tiġi pprovduta forma oħra ta' identifikazzjoni. Biss fejn ma hemm l-ebda forma oħra ta' identifikazzjoni, huwa permess li jiġi indikat "mhux disponibbli".

3. ANNESS II - GOVERNANZA U ĠESTJONI

Il-punt li ġej elenkat fit-Taqsima B tal-Anness għad-Direttiva 2014/59/UE huwa kopert b'din il-formola:

(3) il-post, il-ġurisdizzjoni tal-inkorporazzjoni, il-liċenzjar u l-immuniġġjar ewlieni assoċjati ma' kull persuna ġuridika

Struzzjonijiet dwar kolonni speċifiċi:

Kolonni	Referenzi u struzzjonijiet legali
010-020	Entità ġuridika
010	Isem tal-entità
020	Identifikatur tal-Entità Ġuridika Kodiċi b'20 ċifra alfanumerika, ta' entità ġuridika identifikata fil-Kolonna 010. L-Identifikatur tal-Entità Ġuridika jidentifika b'mod uniku kull entità jew struttura ġuridika li tkun parti fi tranżazzjoni finanzjarja, f'kull ġurisdizzjoni. Fejn l-"Identifikatur tal-Entità Ġuridika" mhuwiex disponibbli għal entità partikolari għandha tiġi pprovduta forma oħra ta' identifikazzjoni. Biss fejn ma hemm l-ebda forma oħra ta' identifikazzjoni, huwa permess li jiġi indikat "mhux disponibbli".
030	Post Il-belt fejn l-entità elenkata fil-Kolonna 010 hija reġistrata legalment.
040	Ġurisdizzjoni tal-inkorporazzjoni Il-ġurisdizzjoni fejn l-entità elenkata fil-Kolonna 010 hija inkorporata, identifikata skont ISO 3166.
050	Awtorità tal-Liċenzjar L-isem tal-awtorità li tagħti liċenzja bankarja jew għal ditta tal-investiment lill-istituzzjoni elenkata fil-Kolonna 010.
060	Tip ta' liċenzja
070-090	Il-membri tal-korp maniġerjali responsabbli sabiex jipprovdi lill-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni bl-informazzjoni meħtieġa għall-pjan ta' riżoluzzjoni
070	Isem Isem, Kunjom
080	Numru tat-telefown
090	Indirizz elettroniku
100-140	Maniġer prinċipali Persuna superjuri fl-entità responsabbli għar-riżoluzzjoni ta' dik l-entità
100	Isem Isem, Kunjom
110	Funzjoni
120	Dipartiment
130	Numri tat-Telefown In-numru tat-telefown tad-dipartiment u n-numru individwali tal-persuna indikata fil-Kolonna 100.
140	Indirizzi elettroniċi Il-kaxxa postali tad-dipartiment u l-indirizz elettroniku individwali tal-persuna indikata fil-Kolonna 100.

4. ANNESS III - FUNZJONIJET KRITIĊI U LINJI TA' NEGOZJU EWLENIN

Il-punti li ġejjin elenkati fit-Taqsima B tal-Anness għad-Direttiva 2014/59/UE huma koperti b'din il-formola:

(4) *immappjar tal-operazzjonijiet kritiċi u l-linji ta' negozju ewlenin tal-istituzzjoni inklużi l-assi materjali u l-obbligazzjonijiet relatati ma' dawn l-operazzjonijiet u l-linji ta' negozju, b'referenza għall-persuni ġuridiċi*

(17) *il-membru tal-korp maniġerjali responsabbli li jipprovdi l-informazzjoni meħtieġa biex jitħejja l-pjan ta' riżoluzzjoni tal-istituzzjoni kif ukoll dawk responsabbli, jekk differenti, għall-persuni ġuridiċi differenti, l-operazzjonijiet kritiċi u l-linji ta' negozju ewlenin*

Struzzjonijiet dwar kolonni speċifiċi:

Kolonni	Referenzi u struzzjonijiet legali
010	Funzjonijiet kritiċi Tfisser "funzjonijiet kritiċi" skont l-Artikolu 2(1)(35) u l-Artikolu 2(2) tad-Direttiva 2014/59/UE.
020	Linji ta' negozju ewlenin Tfisser "linji ta' negozju ewlenin" skont l-Artikolu 2(1)(36) u l-Artikolu 2(2) tad-Direttiva 2014/59/UE.
030-040	Entità ġuridika
030	Isem tal-entità
040	Identifikatur tal-Entità Ġuridika Kodiċi b'20 ċifra alfanumerika, ta' entità ġuridika identifikata fil-Kolonna 010. L-Identifikatur tal-Entità Ġuridika jidentifika b'mod uniku kull entità jew struttura ġuridika li tkun parti fi tranżazzjoni finanzjarja, f'kull ġurisdizzjoni. Fejn l-"Identifikatur tal-Entità Ġuridika" mhuwiex disponibbli għal entità partikolari għandha tiġi pprovduta forma oħra ta' identifikazzjoni. Biss fejn ma hemm l-ebda forma oħra ta' identifikazzjoni, huwa permess li jiġi indikat "mhux disponibbli".
050	Post Pajjiż li fih joperaw linji ta' negozju.
060	Numru ta' uffiċċji/fergħat f'post
070-090	Assi materjali
070	Tip
080	Ammont F'miljuni
090	Munita Identifikazzjoni skont ISO 4217
100-120	Obbligazzjonijiet materjali
100	Tip
110	Ammont F'miljuni
120	Munita Identifikazzjoni skont ISO 4217
130-170	L-uffiċjal maniġerjali superjuri responsabbli mill-għoti ta' informazzjoni
130	Isem Isem, Kunjom

Kolonna	Referenzi u struzzjonijiet legali
140	Funzjoni
150	Dipartiment
160	Numri tat-Telefown In-numru tat-telefown tad-dipartiment u n-numru individwali tal-persuna indikata fil-Kolonna 130.
170	Indirizzi elettroniċi Il-kaxxa postali tad-dipartiment u l-indirizz elettroniku individwali tal-persuna indikata fil-Kolonna 130.

5. ANNESS IV, TAQSIMA 1 - KONTROPARTIJET KRITIĊI (ASSI)

Il-punt li ġej elenkat fit-Taqsima B tal-Anness għad-Direttiva 2014/59/UE huwa kopert b'din il-formola:

(10) identifikazzjoni tal-kontropartijiet prinċipali jew l-aktar kritiċi tal-istituzzjoni kif ukoll analiżi tal-impatt tal-falliment tal-kontropartijiet prinċipali fis-sitwazzjoni finanzjarja tal-istituzzjoni

Struzzjonijiet dwar kolonna speċifiċi

Kolonna	Referenzi u struzzjonijiet legali
010-020	Entità ġuridika
010	Isem tal-entità
020	Identifikatur tal-Entità Ġuridika Kodiċi b'20 ċifra alfanumerika, ta' entità ġuridika identifikata fil-Kolonna 010. L-Identifikatur tal-Entità Ġuridika jidentifika b'mod uniku kull entità jew struttura ġuridika li tkun parti fi tranżazzjoni finanzjarja, f'kull ġurisdizzjoni. Fejn l-"Identifikatur tal-Entità Ġuridika" mhuwiex disponibbli għal entità partikolari għandha tiġi pprovduta forma oħra ta' identifikazzjoni. Biss fejn ma hemm l-ebda forma oħra ta' identifikazzjoni, huwa permess li jiġi indikat "mhux disponibbli".
030-040	Kontroparti kritika Il-kritikalità trid tiġi determinata mill-awtoritajiet rilevanti. Il-kontropartijiet għandhom jiġu rrapportati għal Gruppi rilevanti ta' Kljenti Konnessi u fil-każ li kljenti ma jappartjenix għal Grupp ta' Kljenti Konnessi, fuq livell individwali. L-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni jistgħu jitolbu informazzjoni dwar Gruppi ta' Kljenti Konnessi fuq livell individwali. Grupp ta' Kljenti Konnessi hija definita fl-Artikolu 4(39) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013. L-informazzjoni pprovduta f'din il-formola għandha tkun kumplimentari għall-informazzjoni pprovduta diġà fi Skoperturi Kbar.
030	Isem tal-entità
040	Identifikatur tal-Entità Ġuridika Kodiċi b'20 ċifra alfanumerika, ta' entità ġuridika identifikata fil-Kolonna 010. L-Identifikatur tal-Entità Ġuridika jidentifika b'mod uniku kull entità jew struttura ġuridika li tkun parti fi tranżazzjoni finanzjarja, f'kull ġurisdizzjoni. Fejn l-"Identifikatur tal-Entità Ġuridika" mhuwiex disponibbli għal entità partikolari għandha tiġi pprovduta forma oħra ta' identifikazzjoni. Biss fejn ma hemm l-ebda forma oħra ta' identifikazzjoni, huwa permess li jiġi indikat "mhux disponibbli".
050	Munita Identifikazzjoni skont ISO 4217
060	Skopertura oriġinali Tfisser "skoperturi oriġinali" skont l-Artikoli 24, 389, 390 u 392 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, u għandha ssegwi l-approċċ fil-FINREP (financial reporting framework).

Kolonna	Referenzi u struzzjonijiet legali
070	Mitigazzjonijiet tar-riskju tal-kreditu Tfisser “mitigazzjoni tar-riskju ta’ kreditu” (CRM - Credit Risk Mitigation) skont l-Artikoli 399 u minn 401 sa 403 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013. Għall-finijiet ta’ dan ir-rapportaġġ, it-teknika ta’ CRM kif iddefinita fl-Artikolu 4(57) u rikonoxxuta fil-Parti Tlieta, fil-Kapitoli 3 u 4 tat-Titolu II, tintuża skont l-Artikoli minn 401 sa 403 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013.
080	Aġġustamenti fil-valur u provvedimenti Tfisser “aġġustamenti fil-valur u provvedimenti” kif definit fl-Artikoli 34, 24, 110 u 111 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013.
090	Skopertura netta 090 = 060 – 070 – 080
100	Impatt fuq il-proporzjon CET1 L-impatt ta’ inadempjenza ta’ kontroparti elenkata fil-kolonna 030 dwar l-Ekwità Komuni tal-Grad 1 (CET1 - Core Equity Tier 1) tal-entità ġuridika elenkata fil-kolonna 010. Il-formula suġġerita għall-kalkolu tal-Impatt fuq il-proporzjon CET1 hija: $CET1 - ((CET1 - \text{telf mistenni}) / (RWA - \text{telf mistenni})) = \text{Impact fuq CET1.}$ Meta l-awtoritajiet ta’ riżoluzzjoni jiddeterminaw li formula aktar sofistikata tkun aktar xierqa huma jkunu liberi li jitolbu waħda differenti.

6. ANNESS IV, TAQSIMA 2 - KONTROPARTIJET KRITIĊI (OBBLIGAZZJONIJIET)

Il-punt li ġej elenkat fit-Taqsima B tal-Anness għad-Direttiva 2014/59/UE huwa kopert b'din il-formola:

(10) identifikazzjoni tal-kontropartijiet prinċipali jew l-aktar kritiċi tal-istituzzjoni kif ukoll analiżi tal-impatt tal-falliment tal-kontropartijiet prinċipali fis-sitwazzjoni finanzjarja tal-istituzzjoni

Struzzjonijiet dwar kolonna speċifiċi:

Kolonna	Referenzi u struzzjonijiet legali
010-020	Entità ġuridika
010	Isem tal-entità
